MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2010

Avviz Numru. 476/2009

**Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Vs**

**Tatiana Marie Coleiro (469301L)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors li bih l-imsemmija Tatiana Marie Coleiro, wara li ppremettiet illi l-esponenti taghmel riferenza ghal dokument ‘TC1’ anness mar-rikors (li fih tliet faccati) u li giet innotifikata bih minghand il-Kummissarju intimat;

Illi, permezz tal-presenti rikors, hija qed topponi t-talba tal-Kummissarju intimat skont il-ligi u dana billi hemm ragunijiet validi ghal dan li lesta li hija tipprova waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors;

Illi l-esponenti tirrileva li l-valur tal-proprjeta’ in kwistjoni kien wiehed gust u ghalhekk hija m’ghandhiex thallas

aktar taxxa u ghalhekk it-talba tal-Kummissarju intimat hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt;

Umilment talbet li a tenur tal-Art 466(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li, ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija wahda infondata.

Salv kull provvediment iehor li joghgobha taghti din il-Qorti.

Rat l-ittra ufficjali in kwistjoni mahruga a bazi tal-artikolu 466 tal-imsemmi Kapitolu 12 (fol 3 sa fol 5 tal-atti).

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fit-30 ta’ Novembru 2009 (fol 6 tal-istess atti).

Rat ir-risposta tal-intimat (fol 11 ibid) u li biha espona bir-rispett:

Illi in linea preliminari u bir-rispett dovut, din l-Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissindaka l-quantum tal-likwidazjoni finali u konklussiva rapprezentanti taxxa u taxxa addizzjonali kif qeghda tippretendi r-rikorrenti fir-rikors promutur, liema sindikar jista’ jsir biss *a tempo debito* skond il-procedura stipulata fil-Kap 364 u cjoe’ tramite Appell lill-Bord ta’ Kummissarji Specjali mill-Avviz tar-Rifjut ta’ Oggezzjoni ta’ l-esponent fi zmien tletin (30) gurnata skond l-artikou 58 tal-Kap 364 u Appell lill-Qorti ta’ l-Appell fi zmien tletin (30) gurnata ai termini ta’ l-artikolu 59 ta’ l-imsemmi Att;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt kif se jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-likwidazzjoni finali u konklussiva ta’ taxxa fuq dokumenti u trasferimenti ai termini tal-kap 364 tal-Ligijiet ta’ Malta hija gusta u skond il-ligi u dovuta mir-rikorrenti fl-intier taghha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

Ikkunsidrat

Illi din id-decisjoni tirreferi ghall-ewwel (1) premessa fir-risposta tal-intimat u li hi ta' natura preliminari u procedurali. In rigward il-kaz in desamina jidher li r-rikorrenti kienet irceviet 'in-notifika ta' likwidazzjoni, ta' taxxa addizzjonali li tinsab esebita a fol 5 tal-istess atti, b'mod inkomplet u li ggib id-data tal-4 ta' Ottubru 2005, liema likwidazzjoni ta' taxxa saret in konnessjoni mat-trasferiment ta' propjeta hemm specifikata. Malli l-istess esponenti rceviet din il-likwidazzjonali addizzjonali u f'kaz li ma kienetx taqbel maghha hi kellha vis-à-vis, l-ammont ta' taxxa addizzjonali kif ukoll il-'valur' addizzjonali taxxabbli tirrikom ghar-rimedju kif specifikat fl-artikolu 56 in konnessjoni ma' 'oggezzjonijiet kontra likwidazzonijiet' segwenti minn ftehim jew rifjut dan tal-ahhar, da parti tal-intimat, u f'kaz ta' rifjut, fl-artikolu 57 u 58 dwar appelli mill-istess rifjut quddiem it-Tribunal jew Bord hemm imsemmijin u l-Qorti tal-Appell skond il-kaz, u a bazi tar-regoli fl-istess artikoli. Wara dawn il-proceduri kollha l-artikolu 60 jirregola l-kazijiet meta likwidazzonijiet jkun finali u konklusivi.

Illi, dan premess, fil-kaz in desamina ir-rikorrenti jghid illi 'hemm ragunijiet validi' ghall-opposizzjoni tal-likwidazzjoni tal-ammont ta' taxxa addizzjonali u '.. tirrileva li l-valur tal-proprjeta in kwistjoni kien wiehed gust u ghalhekk hija ma ghandhiex thallas aktar taxxa'. Dan jfisser illi l-istess rikorrenti ma hiex qed taqbel mal-'quantum' likwidat kif ukoll il-valur addizzjonali tal-proprjeta immobbli trasferita. Pero' jidher ukoll li hi ma rrikorrietx ghar-rimedji moghtija permezz tal-artikoli citati tal-istess Kapitolu 364 imsemmi. Minhabba dan, ir-rikorrenti, wara li halliet illi r-rimedji disponibbli ghaliha jiskadu, ma tistax, issa, tirrikorri lil din il-Qorti sabiex tikkontesta l-'quantum' u ghalhekk it-talba in esami ma tistax tigi akkolta ghax din il-procedura hi irregolari u toltrepassa il-kompetenza ta' din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjes jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------